

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2174**tad-19 ta' Ottubru 2020****li jemenda l-Annessi IC, III, IIIA, IV, V, VII u VIII tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeggħi ta' skart****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeggħi ta' skart ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (a) u (c) tal-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel iddeċidiet fl-erbatax-il laqgħa tagħha li saret f'Mejju 2019, bid-Deċiżjoni BC-14/12, li tinkludi entrata ġdida għall-iskart tal-plastik perikoluż (l-entrata A3210) fl-Anness VIII u żewġ entrati ġodda għall-iskart tal-plastik mhux perikoluż fl-Anness II (l-entrata Y48) u fl-Anness IX (l-entrata B3011) tal-Konvenzjoni ta' Basel. Dawk il-bidliet se jsiru effettivi fl-1 ta' Jannar 2021.
- (2) Jixraq li l-Unjoni, li hija Parti għall-Konvenzjoni ta' Basel, timmodifika l-Annessi rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 biex jitqiesu l-bidliet relatati mal-entrati dwar l-iskart tal-plastik fl-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Basel.
- (3) Il-Kumitat għall-Politika tal-Ambjent tal-OECD adotta bidliet fl-Appendiċi 4 tad-Deċiżjoni tal-OECD ⁽²⁾ relatata mal-iskart tal-plastik perikoluż u kjarifiki fl-Appendiċijiet 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-OECD fis-7 ta' Settembru 2020. Dawk il-bidliet se jsiru effettivi fl-1 ta' Jannar 2021. Jixraq li l-Unjoni timmodifika l-Annessi rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 biex jitqiesu dawn il-bidliet.
- (4) Dan ir-Regolament iqis il-fatt li ma ntlaħaq l-ebda ftehim fl-OECD biex jiġu inkorporati l-emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Basel dwar l-iskart tal-plastik mhux perikoluż (l-entrati B3011 u Y48) fl-Appendiċijiet tad-Deċiżjoni tal-OECD.
- (5) Fir-rigward tal-esportazzjoni tal-iskart tal-plastik mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi u l-importazzjoni tal-iskart tal-plastik fl-Unjoni minn pajjiżi terzi, jenħtieġ li l-Annessi III, IV u V tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 jiġu emendati biex jitqiesu l-bidliet fl-Annessi II, VIII u IX tal-Konvenzjoni ta' Basel u l-bidliet fl-Appendiċi 4 tad-Deċiżjoni tal-OECD. B'riżultat ta' dan, mill-1 ta' Jannar 2021, l-esportazzjoni mill-Unjoni u l-importazzjoni fl-Unjoni tal-iskart tal-plastik fl-entrati AC300 u Y48 lejn pajjiżi terzi u minnhom li għalihom tapplika d-Deċiżjoni tal-OECD ⁽³⁾ se jkunu soġġetti għall-proċeduri ta' notifikazzjoni u ta' kunsens bil-miktub minn qabel. F'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 36(1) u l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, l-esportazzjoni tal-iskart tal-plastik fl-entrati A3210 u Y48 se tkun ipprojbata lejn pajjiżi terzi li għalihom ma tapplikax id-Deċiżjoni tal-OECD.
- (6) Fid-dawl tal-fatt li l-Unjoni ppreżentat notifikazzjoni ta' tkopri l-vjeggħi tal-iskart fl-Unjoni, lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Basel skont l-Artikolu 11 ta' dik il-Konvenzjoni, ma hemm l-ebda rekwiżit li jobbliga lill-Unjoni timplimenta l-bidliet fl-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Basel relatati mal-iskart tal-plastik mhux perikoluż (l-entrati B3011 u Y48) fil-liġi tal-Unjoni, għall-vjeggħi bejn l-Istati Membri. Madankollu, biex tiġi żgurata ċ-ċarezza ġuridika, jenħtieġ li jiddaħħlu entrati ġodda għall-vjeggħi tal-iskart tal-plastik mhux perikoluż fl-Unjoni fl-Annessi III, IIIA u IV tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 li jqisu t-terminoloġija li tintuża fl-entrati l-ġodda B3011 u Y48 fil-Konvenzjoni ta' Basel, u li bihom fil-biċċa l-kbira jinżammu l-kontrolli attwali fuq tali vjeggħi fl-Unjoni.
- (7) Għadd ta' linji gwida tekniċi u dokumenti ta' gwida dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' diversi flussi ta' skart ġew adottati fl-aħħar laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel. Dawk il-linji gwida tekniċi u dokumenti ta' gwida jipprovdu gwida utli u għaldaqstant jenħtieġ li jiżdiedu fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

⁽¹⁾ ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni C(2001)107/Finali tal-Kunsill tal-OECD li tikkonċerna r-reviżjoni tad-Deċiżjoni C(92)39/Finali dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart destinat għal operazzjonijiet ta' rkupru.⁽³⁾ Id-Deċiżjoni C(2001) 107/Final tal-Kunsill tal-OECD li tikkonċerna r-reviżjoni tad-Deċiżjoni C(92)39/Finali dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali ta' skart destinat għal operazzjonijiet ta' rkupru.

- (8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 jiġi emendat skont dan.
- (9) Peress li l-bidliet fl-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Basel u fl-Appendiċijiet tad-Deċiżjoni tal-OECD se jsiru effettivi fl-1 ta' Jannar 2021, jenħtieġ li l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 relatati ma' daww il-bidliet isiru effettivi wkoll fl-1 ta' Jannar 2021.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Annessi IC, III, IIIA, IV, V u VII huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness VIII huwa sostitwit bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

L-Annessi IC, III, IIIA, IV, V u VII tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness IC, it-tieni paragrafu tal-punt 25(e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Tali kodiċijiet jistgħu jiġu inklużi fl-Annessi IIIA, IIIB, IV (EU48) jew IVA ta' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li n-numru tal-Anness jiġi ddikjarat quddiem il-kodiċijiet. Fir-rigward l-Anness IIIA, jenħtieġ li jintużaw il-kodiċijiet rilevanti kif indikat(i) fl-Anness IIIA, f'sekwenza kif ikun xieraq. Ċerti entrati tal-Konvenzjoni ta' Basel bħal B1100 u B3020 huma ristretti biss għal flussi ta' skart partikolari, kif indikat fl-Anness IIIA.”

(2) l-Anness III huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“LISTA TAT-TIPI TA' SKART SOĠĠETTI GĦAR-REKWIŻITI TA' INFORMAZZJONI ĠENERALI STABILITI FL-ARTIKOLU 18 (SKART 'EKOLOĠIKU' ELENKAT)”;

(b) fil-Parti I, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) Kwalunkwe referenza fl-Anness IX tal-Konvenzjoni ta' Basel għal-lista A għandha tinftiehem bħala referenza għall-Anness IV ta' dan ir-Regolament;”;

(c) fil-Parti I, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) Għall-iskart ittrasportat fl-Unjoni, l-entrata B3011 tal-Konvenzjoni ta' Basel ma tapplikax u minflok tapplika din l-entrata li ġejja:

EU3011 Skart tal-plastik (innota l-entrata AC300 relatata fil-parti II tal-Anness IV, u l-entrata EU48 relatata fil-parti I tal-Anness IV):

L-iskart tal-plastik elenkat hawn taħt, diment li jkun kważi ħieles minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart *:

— Skart tal-plastik li jikkonsisti kważi esklużivament ** minn polimeru mhux aloġenat wieħed, inkluż il-polimeri li ġejjin iżda mhux limitat għalihom:

- Polietilen (PE)
- Polipropilen (PP)
- Polistiren (PS)
- Akrlonitril butadien stiren (ABS)
- Polietilentereftalat (PET)
- Polikarbonati (PC)
- Polieteri

— Skart tal-plastik li kważi esklużivament ** jikkonsisti minn reżina mwebbsa waħda jew prodott wieħed tal-kondensazzjoni, inkluż ir-reżini li ġejjin iżda mhux limitat għalihom:

- Reżini tal-urea formaldeid
- Reżini tal-fenol formaldeid
- Reżini tal-melamina formaldeid
- Reżini tal-epossi
- Reżini tal-alkidi

— Skart tal-plastik li kważi esklużivament ** jikkonsisti minn wieħed mill-polimeri fluworurati li ġejjin ***:

- Perfluoroetilen/propilen (FEP)
- Alkani perfluoroalkossici:
 - Tetrafluoroetilen/perfluoroalkil vinil etere (PFA)
 - Tetrafluoroetilen/perfluorometil vinil etere (MFA)

- Fluworur tal-polivinil (PVF)
- Fluworur tal-poliviniliden (PVDF)
- Politetrafluoroetilen (PTFE)
- Klorur tal-polivinil (PVC).

- * Fir-rigward ta' "kważi ħieles minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart", l-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali jistgħu joffru punt ta' referenza.
- ** Fir-rigward ta' "kważi esklużivament", l-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali jistgħu joffru punt ta' referenza.
- *** It-tipi ta' skart prodotti fil-fażi ta' wara l-konsumatur huma esklużi;

(d) fil-parti II, it-test li ġej jitħassar:

"Skart tal-plastik solidu

GH013 391530 ex 390410—40 Polimeri tal-klorur tal-vinil"

(3) l-Anness IIIA huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-punt 3, jitħassru l-punti (d), (e) u (f);
- (b) jiddaħħal il-punt 4 li ġej:

"4. It-taħlitiet ta' skart li ġejjin, ikklassifikati f'inċiżi separati jew f'subinċiżi ta' entrata unika waħda, huma inklużi f'dan l-Anness biss għall-finijiet ta' vjeġġi fl-Unjoni:

- (a) taħlitiet ta' skart ikklassifikati fl-entrata EU3011 u elenkati fl-inċiż li jirreferi għall-polimeri mhux aloġenati;
- (b) taħlitiet ta' skart ikklassifikati fl-entrata EU3011 u elenkati fl-inċiż li jirreferi għar-reżini mwebbsa jew prodotti tal-kondensazzjoni;
- (c) taħlitiet ta' skart ikklassifikati fl-entrata EU3011 u elenkati bħala "alkani perfluoroalkossici"."

(4) l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

- (a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"LISTA TAT-TIPI TA' SKART SOĠĠETTI GĦALL-PROCĊEDURA TA' NOTIFIKA U TA' KUNSENS BIL-MIKTUB MINN QABEL (SKART ELENKAT BĦALA 'AMBRA')";

- (b) il-Parti I hija emendata kif ġej:

- (i) l-ewwel u t-tieni paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"It-tipi ta' skart li ġejjin se jkunu soġġetti għall-proċedura ta' notifika u ta' kunsens bil-miktub minn qabel:

It-tipi ta' skart elenkati fl-Annessi II u VIII tal-Konvenzjoni ta' Basel *.

* L-Anness VIII tal-Konvenzjoni ta' Basel huwa elenkat f'dan ir-Regolament fil-Lista A tal-Parti 1 tal-Anness V. L-Anness II tal-Konvenzjoni ta' Basel huwa elenkat f'dan ir-Regolament fil-Lista A tal-Parti 3 tal-Anness V.;"

- (ii) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Kwalunkwe referenza fl-Anness VIII tal-Konvenzjoni ta' Basel għal-lista B għandha tintfiehemi bħala referenza għall-Anness III ta' dan ir-Regolament".

- (iii) jiżdiedu l-punti (e) u (f) li ġejjin:

"(e) l-entrata A3210 tal-Konvenzjoni ta' Basel ma tapplikax u minflok tapplika l-entrata AC300 fil-Parti II.

(f) fil-każ tal-iskart ittrasportat fl-Unjoni, l-entrata Y48 tal-Konvenzjoni ta' Basel ma tapplikax u minflok tapplika din l-entrata li ġejja:

EU48: L-iskart tal-plastik mhux kopert mill-entrata AC300 fil-parti II jew mill-entrata EU3011 fil-parti I tal-Anness III, kif ukoll it-taħlitiet ta' skart tal-plastik mhux koperti mill-punt 4 tal-Anness IIIA.;"

(c) fil-Parti II, l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrata AC270:

“AC300 Skart tal-plastik, inkluż taħlitiet ta' skart bħal dan, li fih kostitwenti tal-Anness I jew li huwa kkontaminat bihom, sal-punt li juri karatteristika tal-Anness III (innota l-entrata EU3011 relatata fil-parti I tal-Anness III, u l-entrata EU48 relatata fil-parti I)”;

(5) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(i) fit-taqsimha A3 tal-Lista A, tiżdied l-entrata li ġejja:

“A3210 Skart tal-plastik, inkluż taħlitiet ta' skart bħal dan, li fih kostitwenti tal-Anness I jew li huwa kkontaminat bihom, sal-punt li juri karatteristika tal-Anness III (innota l-entrata B3011 relatata, fil-Lista B ta' din il-Parti, u l-entrata Y48, fil-Lista A tal-Parti 3);

(ii) fil-Lista B, it-taqsimha B3 hija emendata kif ġej:

— l-entrata B3010 tiħassar;

— l-entrata li ġejja tiddaħħal qabel l-entrata B3020:

“B3011 Skart tal-plastik (innota l-entrata A3210 relatata, fil-Lista A ta' din il-Parti, u l-entrata Y48, fil-Lista A tal-Parti 3)

— L-iskart tal-plastik elenkat hawn taħt, diment li jkun destinat għar-riċiklaġġ * b'mod ambjentalment korrett u kważi ħieles minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart **:

— Skart tal-plastik li jikkonsisti kważi esklużivament *** minn polimeru mhux aloġenat wieħed, inkluż il-polimeri li ġejjin iżda mhux limitat għalihom:

— Polietilen (PE)

— Polipropilen (PP)

— Polistiren (PS)

— Akrilonitril butadien stiren (ABS)

— Polietilentereftalat (PET)

— Polikarbonati (PC)

— Polieteri

— Skart tal-plastik li kważi esklużivament *** jikkonsisti minn reżina mwebbsa waħda jew prodott wieħed tal-kondensazzjoni, inkluż ir-reżini li ġejjin iżda mhux limitat għalihom:

— Reżini tal-urea formaldeid

— Reżini tal-fenol formaldeid

— Reżini tal-melamina formaldeid

— Reżini tal-eossi

— Reżini tal-alkidi

— Skart tal-plastik li kważi esklużivament *** jikkonsisti minn wieħed mill-polimeri fluworurati li ġejjin: ****

— Perfluoroetilen/propilen (FEP)

— Alkani perfluoroalkossici:

— Tetrafluoroetilen/perfluoroalkil vinil etere (PFA)

— Tetrafluoroetilen/perfluorometil vinil etere (MFA)

— Fluworur tal-polivinil (PVF)

— Fluworur tal-poliviniliden (PVDF)

- Taħlitiet ta' skart tal-plastik, li jikkonsistu minn polietilen (PE), polipropilen (PP) u/jew polietilentereftalat (PET), diment li jkunu destinati għal riċiklaġġ separat ***** ta' kull materjal u b'mod li jkun ambjentalment korrett, u kważi ħielsa minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart **.

- * Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li ma jintużawx bħala solvanti (R3 fl-Anness IV, it-taqsimha B) jew, jekk ikun hemm bżonn, ħżin temporanju limitat għal darba waħda, diment li din tkun segwita mill-operazzjoni R3 u tkun evidenzjata minn dokumentazzjoni kuntrattwali jew dokumentazzjoni uffiċjali rilevanti.
- ** Fir-rigward ta' "kważi ħieles minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart", l-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali jistgħu joffru punt ta' referenza.
- *** Fir-rigward ta' "kważi esklużivament", l-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali jistgħu joffru punt ta' referenza.
- **** It-tipi ta' skart prodotti fil-fażi ta' wara l-konsumatur huma esklużi.
- ***** Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li ma jintużawx bħala solvanti (R3 fl-Anness IV, it-taqsimha B), b'separazzjoni minn qabel u, jekk ikun hemm bżonn, ħżin temporanju limitat għal istanza waħda, diment li din tkun segwita mill-operazzjoni R3 u tkun evidenzjata minn dokumentazzjoni kuntrattwali jew dokumentazzjoni uffiċjali rilevanti.”;

(b) fil-Parti 3, il-Lista A hija sostitwita b'dan li ġej:

“Lista A (Anness II tal-Konvenzjoni ta' Basel)

Y46 Skart miġbur mill-unitajiet domestiċi *

Y47 Residwi li jirriżultaw mill-inċinerazzjoni ta' skart domestiku

Y48 Skart tal-plastik, inkluż taħlitiet ta' skart bħal dan, bl-eċċezzjoni ta' dan li ġej:

- Skart tal-plastik li jkun skart perikoluż (ara l-entrata A3210 fil-Parti 1 tal-Lista A fl-Anness V)
- L-iskart tal-plastik elenkat hawn taħt, diment li jkun destinat għar-riċiklaġġ ** b'mod ambjentalment korrett u kważi ħieles minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart: ***
 - Skart tal-plastik li jikkonsisti kważi esklużivament **** minn polimeru mhux aloġenat wieħed, inkluż il-polimeri li ġejjin iżda mhux limitat għalihom:
 - Polietilen (PE)
 - Polipropilen (PP)
 - Polistiren (PS)
 - Akrlonitril butadien stiren (ABS)
 - Polietilentereftalat (PET)
 - Polikarbonati (PC)
 - Polieteri
 - Skart tal-plastik li kważi esklużivament **** jikkonsisti minn reżina mwebbsa waħda jew prodott wieħed tal-kondensazzjoni, inkluż ir-reżini li ġejjin iżda mhux limitat għalihom:
 - Reżini tal-urea formaldeid
 - Reżini tal-fenol formaldeid
 - Reżini tal-melamina formaldeid
 - Reżini tal-eossi
 - Reżini tal-alkidi
- Skart tal-plastik li kważi esklużivament **** jikkonsisti minn wieħed mill-polimeri fluworurati li ġejjin: *****
 - Perfluoroetilen/propilen (FEP)
 - Alkani perfluoroalkossici:
 - Tetrafluoroetilen/perfluoroalkil vinil etere (PFA)
 - Tetrafluoroetilen/perfluorometil vinil etere (MFA)

- Fluworur tal-polivinil (PVF)
- Fluworur tal-poliviniliden (PVDF)
- Taħlitiet ta' skart tal-plastik, li jikkonsistu minn polietilen (PE), polipropilen (PP) u/jew polietilentereftalat (PET), diment li jkunu destinati għal riċiklaġġ separat *****ta' kull materjal u b'mod li jkun ambjentalment korrett, u kważi ħielsa minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart. ***

* Sakemm ma jkunx ikklassifikat b'mod xieraq f'entrata unika fl-Anness III.

** Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li ma jintużawx bħala solventi (R3 fl-Anness IV, it-taqsima B) jew, jekk ikun hemm bżonn, ħżin temporanju limitat għal darba waħda, diment li din tkun segwita mill-operazzjoni R3 u tkun evidenzjata minn dokumentazzjoni kuntrattwali jew dokumentazzjoni uffiċjali rilevanti.

*** Fir-rigward ta' "kważi ħieles minn kontaminazzjoni u tipi oħra ta' skart", l-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali jistgħu joffru punt ta' referenza.

**** Fir-rigward ta' "kważi esklużivament", l-ispeċifikazzjonijiet internazzjonali u nazzjonali jistgħu joffru punt ta' referenza.

***** It-tipi ta' skart prodotti fil-fażi ta' wara l-konsumatur huma esklużi."

***** Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li ma jintużawx bħala solventi (R3 fl-Anness IV, it-taqsima B), b'separazzjoni minn qabel u, jekk ikun hemm bżonn, ħżin temporanju limitat għal istanza waħda, diment li din tkun segwita mill-operazzjoni R3 u tkun evidenzjata minn dokumentazzjoni kuntrattwali jew dokumentazzjoni uffiċjali rilevanti.";

(c) fil-Parti 3, l-intestatura tal-Lista B hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Lista B (Skart mill-Appendiċi 4, il-Parti II tad-Deċiżjoni tal-OECD) **

* It-tipi ta' skart bl-entrati AB130, AC250, AC260 u AC270 tħassru peress li dawn ġew ikkunsidrati, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar l-iskart (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9, kif imħassra bid-Direttiva 2008/98/KE), li mhumiex perikolużi u għaldaqstant mhux soġġetti għall-projbizzjoni tal-esportazzjoni stabbilita fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament. L-iskart bl-entrata AC300 tħassar peress li l-iskart inkwistjoni huwa kopert bl-entrata A3210 fil-Lista A tal-Parti I."

(6) l-Anness VII huwa emendat kif ġej:

Fil-blokka 10, jiżdied dan li ġej:

"(vii) Oħrajn (*jekk jogħġbok speċifika*):"

ANNEX II

"ANNEX VIII

LINJI GWIDA DWAR L-IMMANIĠĠJAR AMBJENTALMENT KORRETT (L-ARTIKOLU 49)**I. Linji gwida u dokumenti ta' gwida adottati skont il-Konvenzjoni ta' Basel:**

1. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' skart bijomediku u tal-kura tas-saħħa (Y1; Y3) ⁽¹⁾
2. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' skart ta' batteriji tal-aċidu taċ-ċomb¹
3. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett tal-iżmantellar totali jew parzjali ta' bastimenti¹
4. Linji gwida tekniċi dwar ir-riċiklaġġ/ir-reklamazzjoni ambjentalment korrett(a) ta' metalli u ta' komposti tal-metall (R4) ⁽²⁾
5. Linji gwida tekniċi ġenerali għall-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati b'sustanzi niġġiesa organiċi persistenti ⁽³⁾
6. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom, jew li huma kkontaminati bil-1,1,1 trikloro 2,2 bis (4 klorofenil) etan (DDT) ⁽⁴⁾
7. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bl-eżabromoċiklododekan (HBCD) ⁽⁵⁾
8. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bl-aċidu perfluworoottansulfoniku (PFOS), bl-imluħa tiegħu u bil-fluworur perfluworoottansulfoniku (PFOSF)⁵
9. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bil-pentaklorofenol (PCP) u bl-imluħa u bl-esteri tiegħu ⁽⁶⁾
10. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bil-pestiċidi aldrin, alfa eżakloroċikloeżan, beta eżakloroċikloeżan, klordan, klordekon, dieldrin, endrin, ettakloru, eżaklorobenżen, eżaklorobutadien, lindan, mireks, pentaklorobenżen, pentaklorofenol u l-imluħa tiegħu, aċidu perfluworoottansulfoniku, endosulfan tekniku u l-isomeri relatati tiegħu jew toksafen jew bl-eżaklorobenżen bħala sustanza kimika industrijali (Pestiċidi POP)⁶
11. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bil-poliklorofenili, bil-polikloroterfenili, bil-polikloronaftaleni jew bil-polibromobifenili inkluż l-eżabromobifenil (PCBs, PCTs, PCNs jew PBBs, inkluż l-HBB)⁶
12. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bl-eżabromodifenil etere u bl-eptabromodifenil etere, jew bit-tetrabromodifenil etere u bil-pentabromodifenil etere jew bid-dekabromodifenil etere (POP-BDEs)³
13. Linji Gwida Tekniċi għall-Immaniġġjar Ambjentalment Korrett ta' Tipi ta' Skart li Fihom jew li Huma Kkontaminati bil-poliklorodibenżofurani, bl-eżaklorobenżen, bil-poliklorobifenili, bil-pentaklorobenżen, bil-polikloronaftaleni, bl-eżaklorobutadien jew bil-poliklorodibenżo-p-diossini mhux prodotti b'mod intenzjonat³

⁽¹⁾ Adottati mis-sitt laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Diċembru 2002.

⁽²⁾ Adottati mis-seba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Ottubru 2004.

⁽³⁾ Adottati mill-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Mejju 2019.

⁽⁴⁾ Adottati mit-tmien laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Diċembru 2006.

⁽⁵⁾ Adottati mit-tnax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Mejju 2015.

⁽⁶⁾ Adottati mit-tlettax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Mejju 2017.

14. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bl-eżaklorobutadien³
15. Linji gwida tekniċi dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bil-paraffini klorurati b'katina qasira³
16. Linji gwida tekniċi għall-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tajers pnevmatiċi użati u ta' skart ⁽⁷⁾
17. Linji gwida tekniċi għall-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart li jikkonsistu minn, li fihom jew li huma kkontaminati bil-merkurju jew bil-komposti tal-merkurju⁵
18. Linji gwida tekniċi għall-koproċessar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart perikolużi f'kalkari tas-siment⁷
19. Dokument ta' gwida dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tagħmir tal-kompjuters użat u li ma għadux jintuża⁶
20. Dokument ta' gwida dwar l-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' mowbajls użati u li ma għadhomx jintużaw⁷
21. Qafas għall-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' tipi ta' skart perikolużi u ta' tipi ta' skart oħra ⁽⁸⁾
22. Manwali prattiċi għall-promozzjoni tal-immaniġġjar ambjentalment korrett tal-iskart ⁽⁹⁾

II. **Linji gwida adottati mill-OECD:**

Gwida teknika għall-immaniġġjar ambjentalment korrett ta' flussi ta' skart speċifiċi:

Kompjuters personali użati u skartati ⁽¹⁰⁾

III. **Linji Gwida adottati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO):**

Linji Gwida dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti ⁽¹¹⁾

IV. **Linji Gwida adottati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO):**

Is-sikurezza u s-saħħa fid-demolizzjoni tal-bastimenti: Linji Gwida għall-pajjiżi Asjatiċi u għat-Turkija ⁽¹²⁾

⁽⁷⁾ Adottati mill-għaxar laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Ottubru 2013.

⁽⁸⁾ Adottati mill-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Ottubru 2013.

⁽⁹⁾ Adottati mit-tlelax-il u mill-erbatax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Moviment Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi Tiegħu, f'Mejju 2017 u f'Mejju 2019.

⁽¹⁰⁾ Adottati mill-Kumitat tal-Politika tal-Ambjent tal-OECD fi Frar 2003 (id-dokument ENV/EPOC/WGWP(2001)3/FINAL).

⁽¹¹⁾ Ir-Risoluzzjoni A.962 adottata mill-Assemblea tal-IMO fit-23 Sessjoni regolari tagħha, bejn l-24 ta' Novembru u l-5 ta' Diċembru 2003.

⁽¹²⁾ Approvati għall-pubblikazzjoni mill-Korp Governattiv tal-ILO fil-289 sessjoni tagħha, bejn il-11 u s-26 ta' Marzu 2004."